MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 406 (8-34)

It-Tnejn 12 t'April 2021 fil-5.15 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online (skond Direttiva 7/2020).

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**406.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-Kunsilliera Kurstein N.Sant u Adrian Farrugia.

**406.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 405. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**406.2.1 Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma tqajjmux punti mill-Minuti.

**406.3.1 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**406.3.2 Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier**

Is-Sindku qal li kienet saret laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill fil-preżenza wkoll tal-Kunsillier Julian Borg minħabba t-tħassib dwar l-ispazju għall-parkeġġ fiż-żona. Huwa qal li saru emendi fil-pjanti fejn ġie ikluż spazju addizjonali. Fil-proposta tal-proġett ġew ikkunsidrati wkoll miżuri tas-siġurta' b'installazjoni ta' CCTV's tul il-park kollu.

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Francine Farrugia qegħda ssegwi dan il-proġett fejn jirrigwarda '*play area'* innovattiva biex tiġi inkluża fl-iskema SPI/SCI/2/2021, filwaqt li il-Viċi Sindku qed tikkoordina laqgħat ta' konsultazzjoni mal-*cat feeders* taż-żona dwar il-*cat cafe'*.

Is-Sindku qal li bħalissa qedin fi stadju ta' applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet.

**406.3.3 Estensjoni tal-Community Work Scheme (CWS) permezz tal-Kunsilli Reġjonali**

Is-Sindku informa li fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali issemmiet il-possibilta' ta' estenzjoni tal-iskema ta' ħaddiema assenjati mal-Kunsilli, u għalhekk qed jitolbu jekk il-Kunsill hux interessat li jżid miegħu ħaddiema li jgħinu fix-xogħol ta' tindif u manutenzjoni. Il-Kunsillier Julian Borg qal li filwaqt li huwa tajjeb li jkun hemm żieda fin-numru tal-ħaddiema, il-Kunsill irid jara x'volum ta' xogħol qed isir minn dawk li diġa assenjati mal-Kunsill.

Is-Sindku qal li hemm ħafna x'jitranġa fis-sitwazzjoni attwali, filwaqt li f'każ li jkunu ġejjin iktar ħaddiema għandha ssir interview biex jiġi evalwat jekk min ikun assenjat mal-Kunsill huwhiex denju li jagħti x-xogħol kif hemm bżonn, u propona li l-Kunsill juri interess ladarba hemm din il-possibilta'. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li din l-evalwazzjoni għandha ssir mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u mhux mill-Kunsill-Reġjonali. Il-Kunsill qabel.

**406.3.4 Attivita' ta' tindif f'Għar Lapsi**

Is-Sindku qal li ltaqa' ma' rappreżentant tal-grupp volontarju 7R Lifestyle Malta li qed jagħmlu attivita' ta' tindif f'Għar Lapsi regolarment, fejn wera l-prejokupazzjoni dwar l-isfreġju ambjentali fiż-żona kemm minn rimi ta' materjal ta' kostruzzjoni u anka sfreġju fil-flora tal-post u ħmieġ ieħor li jitħalla. Semma wkoll in-nuqqas ta' infurzar li hemm biex dan l-abbuż jitrażżan u ressaq xi proposti lill-Kunsill. Is-Sindku informa li bħala sens ta' rikonoxximent lejn dawn il-volontarji, nhar is-Sibt 8 ta' Mejju 2021,

ser tiġi organizzata attivita' ta' tindif b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u 7R f'Għar Lapsi. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jipparteċipaw u jagħmlu promozzjoni ta' din l-attivita'.

**406.3.5** **Bini ta' Housing Estate Triq Nicola Bonello k/a Triq Dun Anton Vella PA534/19 Problema ta' parkeġġ**

Is-Sindku qal li rċieva diversi ilmenti minn residenti fiż-żona tal-Hesri rigward il-problema ta' parkeġġ li nħolqot bil-bini tal-ħajt mal-binja tal-Housing fiż-żona. Huwa qal li l-Kunsill irċieva talba minn TM biex minħabba aċċess lit-trasport pubbliku, jinżebgħu linji sofor doppji tul il-ħajt kollu fiż-żewġ toroq u dan iktar kabbar il-problema. Huwa qal li ser isejjaħ laqgħa ma' uffiċċjal minn TM biex jintlaħaq kompromess u possibilment jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-permess biex jibda l-iżvilupp għadu ma inħariġx u saqsa jekk il-Kunsill għandux xi informazzjoni f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li l-unika korrispondenza li irċevejna hija minn TM li ssemmiet qabel.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li huwa sorpriż li diġa inbeda xi xogħol meta l-proċess tal-permess għadu għaddej. Huwa qal li l-Kunsill kien talab *impact assessment report*, li dan għadu ma ġiex sottomess. Il-Kunsillier Borg qal li dan juri li l-proċedura ma tiswa għal xejn jekk ix-xogħol diġa inbeda.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsill għandu jivverifika jekk ix-xogħol bediex mingħajr permess u tittieħed azzjoni, filwaqt li isir iċċekjar mill-perit tal-Kunsill dwar ir-rapport mitlub.

**406.3.6** **Jum is-Siġġiewi 2021 u Serata tal-Onorefiċenza**

Is-Sindku qal li għandu jiġi kkunsidrat li s-Serata li kellha ssir ta' Jum is-Siġġiewi u l-għoti tal-unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi tiġi organizzata għal ħabta ta' Ġunju. Dan wara li jkun hemm indikazzjoni jekk il-festa ta' San Nikola ġewwa l-Knisja hix ser issir u b'hekk tiġi abbinata mal-ġimgħa tal-festa. Huwa propona li l-tema terġa titressaq fis-Seduta ta' Mejju.

**406.3.7** **Fondi għal Proġetti fil-Komunita'- LESA**

Is-Sindku qal li fid-dawl li din l-iskema tkopri massimu ta' €80,000, propona li għal dan l-Kunsill japplika għal proġett tar-*reading garden* fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi minflok tar-restawr tal-istatwi kif imsemmi preċedentement. Dan għal fatt li diġa għandna d-dokumenti rikjesti lesti minn naħa tal-Perit u l-BOQ li approssimament tammonta għal madwar €80,000. Il-Kunsill unanaimament qabel.

**406.3.8** **Azzjoni Industrijali tas-Segretarju Eżekuttivi**

Is-Sindku qara komunikat mill-UĦM dwar direttivi li qed isegwu s-Segretarji Eżekuttivi u għalhekk ċerta korrispondenza mhux qed tiġi riċevuta mill-Kunsilliera kif ukoll mhux qed ikun hemm komunikat b'mezzi elettroniċi.

**406.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**406.5** **Kuntratti**

**406.5.1** **LCS10/20/1 – Tender Restoration of statue of Saint Nicholas including pedestal base in Siġġiewi under measure 1 of the leader programme**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni, li t-tender jingħata lil Stefano Sferrazzo bħala l-iktar offerta vantaġġjuża. Il-Kunsill qabel unanimament.

**406.5.2** **LCS34/2020 – Tender Cleaning and Clearing of Surfaced Urban and Non Urban Areas**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tender għadu fil-proċess ta' evalwazzjoni. Is-Sindku propona li peress li minħabba n-natura tax-xogħol, il-Kuntratt eżistenti jiġi estiż ħalli x-xogħol jibqa għaddej. Il-Kunsill unanimament qabel.

**406.5.3** **LCS20/20 – Tender for Refurbishing of a Running Track at outdoor gym at Triq Mons. F. X. Mangion Siġġiewi**

Is-Sindku infurma li l-Kuntrattur kien qed jirrinunzja mir-responsabiltajiet tiegħu fi ħdan dan it-tender. Is-Sindku qal li ma sar l-ebda ħlas għax-xogħol ħażin li sar u mhu sa jsir l-ebda ħlas lil dan il-Kuntrattur.

Is-Sindku qal li ġie kkuntattjat it-tieni offerent skond ir-*ranking* tal-istess tender biex isir ix-xogħol. Huwa qal li filwaqt li t-tenderer aċċetta li jsir ix-xogħol bl-istess kundizzjonijiet, qed jitlob li minħabba s-sitwazzjoni preżenti peress li kien għola l-prezz tal-materjal minn barra u anka l-prezz tal-importazzjoni, hemm varjazzjoni tal-+5%, li skond parir mill-Perit tal-Kunsill din hija ġustifikata. Għalhekk, is-Sindku propona li x-xogħol isir mill-Kuntrattur Projekte. Il-Kunsill qabel unanimament.

**406.6** **Attivita' Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2021 – Post mortem**

Is-Sindku qal li minkejja r-restrizzjonijiet preżenti, l-attivita' tal-mixgħela ħolqot atmosfera tal-ġimgħa mqaddsa u intlaqgħet b'mod pożittiv mhux minn nies tal-lokal biss. Is-Sindku qal li kemm l-organizzazzjoni u l-koordinament kien tajjeb ħafna, u rringrazzja lil kull min ta' s-sehem tiegħu biex għal dab'oħra din l-attivita' setgħet tkun suċċess.

Is-Sindku rrefera għal *feature* fuq programm televiżiv u anka posts fuq media soċjali dwar din l-attivita' u rrimarka li minkejja li din l-attivita' ilha ssir u tiġi ffinanzjata mill-Kunsill għal diversi snin, il-viżibilta' li tingħata lill-Kunsill mill-għaqdiet li jibbenefikaw tkun nieqsa ħafna. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jingħata l-kreditu dovut u rendikont tal-fondi, fid-dawl li huma fondi pubbliċi. Is-Sindku qal li għal futur dan il-punt għandu jiġi ċċarat minn qabel mal-għaqdiet.

**406.7** **Proġett Komunitarju – Aġġornament**

Is-Sindku rrefera għal laqgħa mal-perit tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet, u s-Segretarju Eżekuttiv dwar il-proġett komunitarju f'Ramija. Huwa qal li ġew imsemmija diversi punti fosthom servizzi sanitarji (toilets), possibilta' ta' ġiebja jew bir biex jissaqqew is-siġar li ser ikun hemm fil-post, żona għal eżerċizzju fiżiku jew *reading circles*, bankijiet b'*computer work spaces* u *picnic tables*, u xi apparat ieħor għall-krejattivita' tat-tfal. Is-Sindku talab li s-siġar eżistenti ma jintmessux u esieġa żieda ta' numru ta' siġar indiġeni u anka arbuxelli fil-post. Ġew diskussi proposti tal-parkeġġ fl-area u anka tal-passaġġ tal-karozzi filwaqt li ttieħed in kunsiderazzjoni anka l-passaġġ għad-*delivery vans* għal ħanut li hemm fil-post.

Ġiet mistħarrġa l-possibilta' li garaxx li qiegħed fiż-żona jiġi żviluppat bħala lattrina, u għaldaqstant ser tiġi mistħarrġa mad-Dipartiment tal-Artijiet jekk il-garaxx huwhiex vakanti.

Is-Sindku qal li għandha titħejja pjanta tal-proposta biex tkun tista' titressaq quddiem il-Kunsill għall-kunsiderazzjoni.

**406.8** **Titjib fil-komunikazzjoni tal-midja soċjali bħala Kunsill Lokali Siġġiewi**

Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill jevalwa l-mod kif iwassal il-messaġġ tiegħu b'mod iktar effettiv. Huwa qal li l-paġna *facebook* uffiċjali tal-Kunsill hija segwita ħafna u għandha viżibilta' qawwija. Is-Sindku qal li anka s-sistema ta' *instant messages* fuq *facebook* indrat u l-messaġġi li jiġu riċevuti jiġu kollha imwieġba.

Għaldaqstant, is-Sindku propona li jiġu mistħarrġa proposti għal titjib u l-infrastruttura kif il-Kunsill jikkomunika iktar mar-residenti.

**406.9** **Ċirk AKL2021/027 – Spazji fil-lokalita' għall-allokazzjoni ta' charging pillars**

Is-Sindku rrefera għal Ċirkulari AKL2021/027 fejn il-Kunsill intalab jidentifika 5 żoni għall-installar ta' *charging pillars*. Is-Sindku qal li diġa' ġiet installata waħda, b' żewġ spazji ta' parkeġġi fi Pjazza San Nikola quddiem il-Kunsill. Il-Viċi Sindku semmiet il-problema eżistenti ta' nuqqas ta' parkeġġ u qalet li b'din l-allokazzjoni ser jintilfu diversi parkeġġi oħra. Hija semmiet il-possibilita' ta' *charging pillars* fil-proġett propost tal-*family park* fi Triq Salvu Borg Olivier.

Is-Sindku qal li għalkemm konxju tal-problema tal-parkeġġ, jekk inħarsu fit-tul huwa stmat li minħabba skema ta' inċentivi imħabbra mill-Gvern għal vetturi elettriċi ikun haw żieda sostanzjali fis-snin li ġejjin. Huwa qal li meta tikkunsidra 5 postijiet imferrxa maż-żona rurali tal-lokalita' hija fattibbli, iżda hemm bżonn li jkunu mqassmin bi ħsieb.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandu jsir eżerċizzju mis-sottokumitat jew espert fil-qasam, u tinġabar informazzjoni minn TM jew anka minn sidien ta' vetturi elettriċi biex jiġi stabbilit f'liema żoni l-iktar li hemm bżonn.

**406.10** **Rapport Amministrattiv u rapport ta' kull kunsillier għas-sena ta' ħidma 2020**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti *overview* tar-Rapport Amministrattiv għas-sena ta' ħidma 2020. Ir-rapport jelenka dettalji tax-xogħolijiet li saru tul din is-sena kif ukoll proġetti għas-sena 2021. Ir-rapport jinkludi wkoll ir-rapport ta' ħidma tal-Kunsilliera. Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti, il-laqgħa tal-lokalita' li kellha ssir f'April tiġi rimandata għal iktar tard.
Is-Sindku ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-kunsill approva unanimament.

**406.11** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li m'għandu l'ebda punt xi jressaq ħlief tal-Housing Estate fi Triq Nikola Bonello (PA534/19) li ssemmiet qabel.

**406.12** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**406.12.1** **Proposta għal kontenituri għaż-żejt użat (Lightbluerefab)**

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mingħand il-'*lightbluerefab*' fejn ressqu proposta biex jitpoġġew kontenituri għaż-żejt maħruq mal-iskips li l-blu fi Triq Nikola

Bonello u fi Triq Salvu Borg Olivier. Wara li ddiskuta l-proposta, il-Kunsill qabel li fid-dawl li bħalissa min irid jarmi żejt użat ikollu jmur f'*amenity site* jew jistenna t-trakk tal-Wasteserv darba f'xahar, ġie maqbul li jitpoġġew dawn il-kontenituri bħala prova.

**406.13 Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**406.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**406.15 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**406.15.1** Il-Kunsillier Julian Borg qal li rċieva ilment dwar ilma li qed jinġabar quddiem blokka appartamenti fi Triq it-Tabib Nikola Zammit, fejn jidher li niżlet it-triq.

**406.15.2** Il-Kunsillier Borg staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-kwistjoni tal-art fil-bypass. Is-Sindku wieġeb li ma kien hemm l-ebda żvilupp mill-aħħar Seduta.

**406.15.3** Il-Kunsillier Borg staqsa jekk il-Kunsill ikunx infurmat b'xogħolijiet li jsiru minn Infrastructure Malta. Hu qal li bħalissa qed isir xogħol fi Triq Nicolo Baldacchino ħdejn iċ-ċentru Santissima Trinita, xogħol ta' wiċċ ta' trejqa tal-Għolja u oħra qrib Triq Inżul ix-Xemx. Is-Sindku wieġeb li dawn mhumhiex xogħol mitluba mill-kunsill u kien hemm diversi xogħolijiet li saru minn IM li l-Kunsill ma kienx infurmat bihom. Is-Sindku qal li xi ġimgħat ilu saret laqgħa ma' IM b'numru ta' talbiet imressqa mill-Kunsill fosthom il-wiċċ ta' diversi toroq u anka parti mill-bypass, u r-restawr taz-zuntier. Hu qal li filwaqt li japprezza titjib fil-lokalita', jiddiżaprova li bħala Kunsill ma nkunux infurmati bix-xogħolijiet li jkunu sa jsiru.

**406.15.4** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet jekk sarux *double yellow lines* quddiem il-Knisja l-Qadima. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li saru xhur ilu minħabba li l-bankina hija idjaq minn 1.2m u l-vetturi kienu qed jagħlqu l-aċċess u anka jagħmlu ħsara fid-dwal li hemm fuq il-bankina.

**406.15.5** Il-Viċi Sindku qalet li rċeviet ilment dwar ħadid li hemm fl-*islip way* Għar Lapsi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-ilment diġa daħal l-uffiċċju u l-ħadid imsemmi huwa parti mill-*islipway* li jintużaw mis-sajjieda biex iniżżlu u jtellgħu id-dgħajjes u għalhekk ma jistgħux jitneħħew.

**406.15.6** Il-Viċi Sindku infurmat li bħalissa is-Sotto Kumitat Tfal flimkien ma' taż-Żagħżagħ qed jaħdmu f'attivita' mal-anzjani dwar l-impatt tal-pandemija fil-ħajja. Hija qalet li din l-attivita' tinvolvi laqgħa virtwali fejn ser isir xi logħob, ħaġa moħġaġa u mistoqsijiet lil xulxin.

**406.16 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2021 fil-5.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

.

Konfermati, illum 27 ta' Mejju 2021

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv